**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 12**

**Il-Hamis 6 ta' Marzu 2025**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier |
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier |
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
President u Membri tal-Luqa Football Club
Residenti Luqin

## 13.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**13.01.01** Xejn

## 13.02 Applikazzjoni dwar Padel Court

**13.02.01** Is-Sindku John Schembri qal li ra permess inwaħħal mal-faċċata tad-dar tiegħu dwar il-proġett ta' bini ta' Padel Court. Is-Sindku John Schembri ħass li kellu jinforma lill-Kunsill Lokali dwar dan l-iżvilupp għaliex ma saret l-ebda konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali.

Il-Kunsilliera qalu li bħala Kunsill għandu jkun hemm bilanċ bejn il-Football club u r-residenti. Il-Kunsill huwa mħasseb dwar dan il-proġett peress li qatt ma kien ikkonsultat u kien fuq din ir-raġuni li ħa din il-pożizzjoni.

Is-Sindku John Schembri tenna jgħid li l-President tal-Football Club ċempillu biex jiltaqgħu mal-Perit inkarigat minn dan il-proġett. Il-laqgħa saret il-Ħamis 6 ta' Marzu 2025, dik il-għodwa stess fil-preżenza tal-Kunsillier Matthew Spiteri. Il-Perit spjega li dik l-area tal-Football Club jridu jiżviluppawha għall-isports. Is-Sindku John Schembri qal li jrid isir ftehim mal-Kunsill Lokali sabiex nies vulnerabbli u residenti Luqin ikunu jistgħu jagħmlu użu minn dan il-Padel Court.

Is-Sindku John Schembri kompla jgħid li jridu jinqalgħu 3 siġriet u wara li jsir dan il-proġett jitwaħħlu tliet siġriet oħra. Is-Sindku John Schembri qal li fl-aħħar mill-aħħar, id-deċiżjoni finali hija tal-Awtorita` għall-Ippjanar u bħala Kunsill huwa fid-dmir li r-residenti jinqdew.

Is-Sindku John Schembri qal li huwa għandu konflitt ta' interess għalhekk talab li jeżenta ruħu u b'hekk huwa jkun qed ineħħi kull dubju fuq il-pożizzjoni tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa. Dan għaliex huwa joqgħod faċċata ta' fejn se jsir il-proġett. Is-Sindku John Schembri għalhekk għadda din il-mozzjoni lill-Viċi Sindku Keith Bartolo.

Il-Viċi Sindku Keith Bartolo saqsa lill-Kunsilliera preżenti jekk qabel ma jittieħed il-vot huma ridux jgħaddu xi kummenti. Il-Kunsillier Matthew Spiteri qal li din l-art tappartjeni lilhom u sta għalihom x'jagħmlu biha. Il-Kunsllier Matthew Spiteri qal li hemm kompromess tajjeb u ż-żgħażagħ se jkollhom post fejn jipprattikaw l-isport.

Il-Kunsillier Frederick Aquilina qal li d-darba l-oħra ħass li kellu jastjeni dwar dan it-tħassib għaliex ma kien għad hemm xejn konkret u l-informazzjoni kienet minima.

Il-Kunsillier Andrew Cassar saqsa għala issa l-Luqa Football Club se jagħtu aċċess lir-residenti u n-nies vulnerabbli meta fil-proġett tal-ewwel Padel Court ir-residenti qatt ma ngħataw aċċess. Is-Sindku John Schembri qal li issa se jara li jsir dan il-ftehim. Il-Kunsillier Andrew Cassar kompla jgħid li dan il-Padel Court se joħloq problema ta' parkeġġ. Is-Sindku John Schembri fisser li issa wara li tiddeċiedi l-Awtorita` għall-Ippjanar, ir-residenti jridu jbaxxu rashom għall-eżitu.

Il-Kunsillier Andrew Cassar saħaq li huwa qed jitħaddet f'isem ir-residenti Luqin. Is-Sindku John Schembri qal li l-problema ta' parkeġġ hija kullimkien u mhux f'Ħal Luqa biss.

Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li din kienet laqgħa pubblika u r-residenti setgħu jattendu iżda ftit nies ħadu interess f'dan il-proġett. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li l-ġnien, fejn se jsir dan il-proġett huwa maħmuġ. Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsillier Jeffrey Scicluna li bħala Kunsill ma jidħlux fil-mertu tat-tindif peress li dik il-parti tal-proġett taqa' taħt ir-responsabbilta` tal-Luqa St. Andrews Football Club.

Il-Viċi Sindku Keith Bartolo wara li sema' l-kummenti tal-Kunsilliera, ippropona li jittieħed dan il-vot. Il-Kunsilliera kollha bi qbil unanimu qablu ma' dan il-bini tat-tieni Padel Court minbarra l-Kunsillier Andrew Cassar li astjena.

## 13.03 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**13.03.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-18.15 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 9 ta' April 2025, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa 9 ta' April 2025.**

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Astrid Pell** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |